Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Trevor Micallef]

vs

Timothy Spiteri

Kumpilazzjoni Numru: 1170/13

Illum, 1 ta' April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Timothy Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 476491M akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, f'San Giljan, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (08:30pm):-

Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kien qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'ghajjat u bil-glied.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuni ta' PS 1540 Edmond Fenech, PC 741 Keith

Anthony Vassallo u PC 1045 Noel Carabott sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil PS 1540 Edmond Fenech, PC 741 Keith Anthony Vassallo u PC 1045 Noel Carabott.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 12) datata sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat fejn kien wehel ammenda ta' erbghin ewro (€40) fuq reat li gie kommess fis-sena elfejn u disgha (2009);

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw incident fejn l-imputat kien allegatament fis-sakra u kien qed jipprova jidhol gewwa stabbiliment f'San Giljan meta l-*bouncer* tal-istess stabbiliment hadu hdejn il-Pulizija. Waqt li l-imputat kien mal-Pulizija Ezekuttiva huwa allegatament spicca hebb ghal xi ufficcjali, offendihom u heddidhom.

Illi xehed **PS 1540 Edmond Fenech** fejn qal li fl-24 ta' Novembru 2013 kien hemm certu Robert Chetcuti haddiem ta' Ryan's Pub li talab l-assistenza taghhom fuq kwistjoni ohra u meta kienu sejrin lura l-ghassa Robert Chetcuti gie hdejhom u gab mieghu lill-imputat fejn qallu li ma setghax idahhal lill-imputat ghaliex kien fis-sakra. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla. PS 1540 qal li pprova jkellem lill-imputat bil-kelma t-tajba u f'daqqa minnhom dar ghalih u l-kollegi tieghu biex ihebb ghalihom fejn il-Pulizija zammewh u haduh l-ghassa. Meta haduh l-ghassa l-imputat beda joffendihom b'certu kliem u ma hallihomx jaghmlulu *search*. Apparti kliem offensiv u dagha, ix-xhud qal li l-imputat qalilhom kliem ta' theddid ukoll bhala "*inpattijielkom*". Waqt lil PC 1045 kien qed jaghmel is-*search* l-imputat beda joffendih u baqa'

sejjer hekk u ghalhekk zammu arrestat u nforma lill-Ispettur Trevor Micallef.

In kontroezami x-xhud qalli l-griehi li jidhru fir-ritratti esebiti a folio 30, 31 u 32 rahom wara li hargu lill-imputat minn goc-cella u mhux fil-mument li nizzluh mal-art biex jaghmlulu s-*search*. Qal ukoll li fil-hin li nqala' l-incident kienu huwa u PC 1045. Ix-xhud ikkonferma li kien Robert Chetcuti li kien gab lill-imputat vicin l-ghassa. Skont ix-xhud Robert Chetcuti kien gibed lill-imputat minn idejh xi hamsin metru u cioe` minn Ryan's Pub sa Badass Burgers imbaghad haduh l-ghassa huwa u PC 1045. Ikkonkluda billi qal li meta pprova jikkalma s-sitwazzjoni peress li l-imputat kien qed jilmenta bil-mod kif ittrattah Robert Chetcuti minflok l-imputat beda jirraguna beda joffendi lix-xhud, jghajru u jhebb ghalih.

Xehed ukoll **PC 741 Keith Vassallo** li qal li huwa kien baqa' gewwa l-ghassa u f'hin minnhom beda jisma' ghajjat u kliem hazin u mar fil-bitha tal-ghassa fejn is-soltu jilqghu nies li jkunu aggressivi. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla fejn qal li dan beda jitkellem hazin, beda joffendi l-Pulizija u beda jsir aggressiv ukoll sal-punt

li kellhom izommuh. Qal li kien hemm mument fejn l-imputat ipprova jobzoq izda ma laqathomx. Kienu tlieta ufficcjali b'kollox u rnexxielhom izommuh u ghamlulu l-manetti. Wara ftit ikkalma u setghu jaghmlu s-*search*. Fis-*search* ma sabu xejn li kien ta' periklu ghalih jew ghall-Pulizija. Qal li l-imputat baqa' jghid kliem hazin, fejn fost il-kliem hazin qal ukoll: "*jien ma nibzax, inpattihielkom.*" Ix-xhud jghid li l-brix li jidher fir-ritratti ma kinux jidhru u kkonferma li z-zarbun tieghu baqa' fuqu l-hin kollu.

In kontroezami l-istess xhud qal li kienu PS 1540 u PC 1045 li gabu lill-imputat l-ghassa. Ix-xhud jghid li ma jafx x'gara quddiem Badass ghaliex ma kienx hemm. Huwa kien fl-ghassa tal-Pulizija. Jghid li jiftakar zgur li l-imputat kien fi stat ta' sakra fejn wehlu l-Pulizija mieghu u beda joffendihom, ikellimhom hazin u prova jhebb ghalihom.

Xehed anki **PC 1045 Noel Carabott** li qal li fl-24 ta' Novembru 2013 gie certu Robert Chetcuti mill-fond Ryan's Pub fejn nizzel mieghu l-imputat li kien fi stat ta' sakra. PS 1540 beda jkellem lill-imputat fejn f'salt wiehed l-imputat dar ghalih u ghalhekk

ikkontrollawh u dahhluh l-ghassa. Malli dahhluh beda joffendihom u jkellimhom hazin fejn anki qalilhom li ser ipattielhom. L-imputat beda jobzoq fid-direzzjoni tal-Pulizija u meta kkalma ghamlu tfixxija li rrizultat fin-negattiv.

In kontroezami l-istess xhud ikkonferma li Robert Chetcuti gie hdejhom bl-imputat fejn qal li l-imputat kien qed jheddu. In kontroezami rega' qal li l-imputat beda joffendi lill-ufficcjali gewwa l-ghassa.

Xehed l-**Ispettur Daryl Borg** li qal li kien prezenti waqt l-istqarrija tal-imputat fejn l-istess imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat izda huwa irrifjuta.

Xehed ukoll l-**Ispettur Trevor Micallef** li qal li fl-24 ta' Novembru 2013 gie infurmat minn PS154 Edmond Fenech li kien kellmu certu Robert Chetcuti li infurmah li kien hemm xi hadd qed jaqla' l-inkwiet. L-Ispettur qal li fil-25 ta' Novembru ha l-istqarrija ta' l-imputat fejn tah is-solitu twissija fejn Timothy Spiteri ghazel li ma jkellimx avukat.

In kontroezami l-Ispettur qal li ma kienx hemm CCTV's. Qal li hemm *camera* wiehed fit-triq pero` dan ihares lejn McDonalds. Qal li l-istat tal-imputat waqt l-istqarrija kien: "*imwegga kellu xi griehi zghar*". Qal li l-imputat qallu bihom u kien urieh xi ritratti wkoll.

Illi fl-istqarrija tieghu (esebita a fol. 8 tal-process) **Timothy Spiteri** kkonferma li rrifjuta d-dritt li jkellem avukat. Huwa qal li kien qieghed Ryan's Pub fejn kien waqqa' bi zball *drink* fuq il-*bouncer* liema *bouncer* hargu 'l barra. L-imputat qal li kellu l-gakketta gewwa u allura qal lil *bouncer* li kellu bzonn jerga' jidhol izda b'mod mhux xieraq qallu li ma setghax u qallu li jcapcapielu. Dak il-hin kienu ghaddejin ufficcjali tal-Pulizija fejn il-*bouncer* beda jghajjat *"Police, police dan qed jaqla' t-trouble, huduh, huduh."* Kompla jghid li l-Pulizija haduh l-ghassa fejn beda jistaqsihom ghalfejn kienu arrestawh u "*jekk kinitx din il-gustizzja Maltija, li huma l-kurnuti ta' dawk il-Mafjuzi, marmalja ta' bouncers.*" Skont l-imputat fil-pront haduh fic-cella u tefghuh mal-art. Huwa qal li dak il-hin ma bediex jirrezisti fejn kien hemm minn rifes saqajh, min rifes dahru, idejh u rasu imbaghad libsulu l-manetti u tefghuh goc-cella. Wara ftit harguh u haduh d-Depot fejn

imbaghad id-Depot ittrattawh tajjeb hafna. Fuq domanda tal-Ispettur ammetta li kien ftit *tipsy* izda nnega li hebb ghall-Pulizija. Huwa nnega wkoll li beda jobzoq fid-direzzjoni tal-Pulizija. Fuq domanda ohra tal-Ispettur l-imputat qal li jista' jkun li beda jkellimhom hazin lill-ufficcjali tal-Pulizija u dan ghaliex kien fi stat ta' paniku.

L-imputat **Timothy Spiteri** xehed ukoll waqt dawn il-proceduri fejn qal li dakinhar kien hemm hafna nies gewwa Ryan's Pub fejn kien xtara *drink* u bi zball waqqa' dan id-*drink* fuq wiehed mill-*bouncers* minhabba r-rassa li kien hemm. Dan il-*bouncer* hargu 'l barra mill-post fejn kien hemm Robert Chetcuti li qallu biex ma jdahluhx ghax qed jaqla' l-inkwiet. L-imputat qal li kien talab sabiex jidhol kemm igib il-gakketta u jghid lil shabu li jrid imur 'l hemm izda dan l-istess Robert qallu "*ma ndahhlekx imma naghtik xi daqqa, warrab 'l hemm...*". L-imputat jghid li baqa' hemm u fil-pront kienu ghaddejjin il-Pulizija u Robert gibdu bis-sahha minn idejh u hadu hdejn il-Pulizija. Jghid li huwa baqa' jinsisti ghalfejn arrestawh u kien anke pprotesta mal-Pulizija dwar il-mod kif ittrattah Robert Chetcuti.

L-imputat fix-xhieda tieghu ammetta li kien zbalja meta qal lill-Pulzija l-kliem: *"Il-kornuti ta' dak il-mafia".* Qal li pero` r-reazzjoni tal-Pulizija kienet kemmxejn eccessiva fejn skont hu qabduh u tefghuh mal-art fil-bitha tal-ghassa fejn wiehed mill-ufficcjali rifsu fuq wiccu. Qal li l-ghada kellu d-daqqiet fuq wiccu u pprezenta ritratti lill-Qorti. Qal ukoll li meta bdew isabtuh mal-art beda jaqta' nifsu u kien hemmhekk li beda joffendihom – *"Ghalhekk bdejt noffendihom ghax bdejt naqta' nifsi u bdew iwegghuni, bdejt nghidilhom ieqfu u nghajjat u nghajjarhom ovjament. Dik nahseb hija reazzjoni naturali li xi hadd qieghed iwegghek toffendih nimmagina jiena, persuna normali hekk jagixxi nimmagina.*" Huwa spjega li meta beda jaqta' nifsu kellu bzieq hiereg minn halqu. Minn hemmhekk jghid li dahluh fic-cella.

Id-difiza resqet ukoll ix-xhieda ta' **WPC 251 Sally Anne Felice** li gharfet lill-imputat fl-awla u qalet li certu Robert, li kien jahdem Ryan's Pub qal lill-Pulizija li kellu problema b'guvni li kien fis-sakra. Hekk kif is-Surgent 1540 gab l-imputat l-ghassa beda jipprova jikkalmmah izda fl-istat ta' sakra li kien l-imputat kien ser ihebb ghas-surgent u minnufih is-surgent u l-kuntistabbli

1045 irnexxielhom jikkontrollawh u dahhluh l-ghassa. Hija qalet li huma u dehlin fl-ghassa l-imputat beda kontinwament jghajjarhom lill-Pulizija u jinsulentahom ("*Mafia mal-bouncers*") kif ukoll beda jheddihom. Waqt is-*search* hija tghid li ma kinitx prezenti fil-kamra. Hija tikkonferma li ma rat l-ebda atteggjament mhux xieraq da parti tal-kuntistabbli. Anzi tghid li hija rathom jippruvaw jikkalmaw lill-imputat. Hija tikkonferma li ma ratx lill-kollegi taghha jaghtu daqqiet jew xi daqqa' ta' sieq lill-imputat.

Giet prodotta wkoll **Dr. Martina Wismayer** in difiza li qalet li kienet ezaminat lill-imputat cirka erba' snin ilu fejn fuq ic-certifikat kitbet li kellu grif superficjali u difer imkisser tas-subgha l-kbir ta' saqajh tal-lemin - certifikat esebit a fol. 163 tal-process.

Xehed ukoll missier l-imputat, Mario Scerri, li qal li fil-25 ta' Novembru 2013 ibnu kien mar Paceville u ma kienx gie lura d-dar. Imbaghad kienu cemplulu l-Pulizija u kull darba kien jistaqsihom jekk jistghax imur jara t-tifel u kienu jghidulu li m'ghandux ghalfejn jigi. Meta cemplulu biex igibulu hwejjeg ghal Qorti u mar bihom id-Depot kienu qalulu li ma jistghax jara lil

ibnu. L-ewwel li rah kien il-Qorti fejn missieru spjega li rah differenti. Qal li ibnu kellu daqqiet fuq wiccu, grif u daqqiet go saqajh. Ix-xhud esebixxa tmien ritratti li gew esebiti bhala Dok. MS1 (a fol. 179).

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi principali f'dawn il-proceduri jitrattaw l-Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel

dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Illi l-Qorti tinnota li mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputat beda jghid lill-ufficcjali tal-Pulizija li ser ippattielhom u dan waqt li kienu qed jippruvaw jikkalmawh u anki waqt li kienu qed jaghmlu tfixxija fuq il-persuna tieghu. Ghalhekk jirrizulta ampjament li l-imputat hedded lill-ufficcjali tal-Pulizija waqt li kienu qed jaqdu dmirijiethom, b'mod partikolari lil Ps

1540 Edmond Fenech, PC 741 Keith Anthony Vassallo u PC 1045 Noel Carabott.

Illi ghalhekk l-ewwel (1) akkuza li tirrigwarda r-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tirrizulta ampjament ippruvata. Il-Qorti tirrileva li s-sitt (6) akkuza hija kompriza fl-ewwel akkuza.

Illi l-Artikolu 96 imbaghad, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma l-ufficcjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat.

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Li jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. F'dan ir-rigward il-Professur Mamo jghid is-segwenti:

> *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of*

> *attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".*

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku".*

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Professur Mamo fil-fatt ikompli jghid:

> *"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Dan ir-rekwizit gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Zahra fejn intqal:

> *"Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta b'mod car illi t-tlett rekwiziti tar-reat kontemplat fl-Artikolu 96 gew sodisfatti. Fl-ewwel lok jirrizulta mix-xhieda ta' iktar minn ufficcjal wiehed li l-imputat ipprova jhebb ghall-ufficjali tal-Pulizija u ghalhekk dan ma kienx sempliciment kaz ta' dizubbidjenza izda ken hemm forma ta'

attakk u li kieku ma kienx hemm tlett ufficcjali tal-Pulizija li zammew u kkontrollaw lill-imputat kien jispicca jwegga' lil xi hadd minnhom. Oltre dan kien hemm anki resitenza da parti tieghu meta l-Pulizija kienet qed tipprova taghmel *search* fuq il-persuna tieghu u ghalhekk kienet imbaghad kostretta li tarresta lill-istess imputat.

Il-Qorti tinnota li ghalkemm l-imputat ghazel li jixhed fil-proceduri odjerni fejn jekk verament qatt ma hebb ghall-Pulizija kellu l-opportunita` kollha li jichad dan kategorikament, huwa ghazel li jghid li kienu l-Pulizija li tefghuh mal-art u rifsuh izda ma xehed l-ebda dawl fuq dak li ghamel hu. Skont huwa peress li kien mal-art u l-ufficcjali tal-Pulizija kienu qed jirfsuh huwa beda jaqta' nifsu u beda hiereg bzieq minn halqu. L-imputat ghazel li jaghti l-verzjoni tieghu izda qatt ma rribatta dak li xehdu l-ufficcjali tal-Pulizija u cioe` li bezaq fid-direzzjoni tal-ufficcjali tal-Pulizija. Apparti minn hekk il-Qorti tinnota wkoll li d-difiza tal-imputat iddur mal-grif li huwa kellu fuq wiccu li skont hu saru mill-ufficcjali tal-Pulizija izda minkejja dan tinnota li l-imputat qatt ma intavola proceduri gudizzjarji f'dan ir-rigward.

Apparti minhekk ma hemmx dubju li r-reat gie kommess fil-konfront ta' ufficcjali pubblici tant hu hekk illi kienu kollha waqt il-hin tax-xoghol taghhom u ghalhekk kienu libsin bl-uniformi li jfisser allura li l-imputat kien konxju tal-fatt li dawn il-persuni kienu membri tal-Korp tal-Pulizija.

Illi t-tielet rekwizit jirrizulta sodisfatt ukoll u dan ghaliex l-attakk u anki r-rezistenza da parti tal-imputat sar propju waqt li l-ufficcjali kienu qed jippruvaw jikkalmaw lill-imputat. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-ufficcjali tal-Pulizija kienu propju, kif tesigi l-Kodici Kriminali, filwaqt li jaġixxu ghall-esekuzzjoni tal-liġi.

Illi l-Qorti tirrimarka illi anki jekk l-imputat kellu r-ragunijiet tieghi sabiex ikun urtat u agitat ghaliex hass li Robert Chetcuti ma kienx ghamel sew li hadu hdejn l-ufficcjali tal-Pulizija a braccio privato, xorta wahda l-agir tieghu mal-membri tal-Korp tal-Pulizija ma kienx wiehed gustifikabbli. Huwa stess ammetta li kien qed jghid kliem li ma kienx f'loku lill-Pulizija u ma kellux ghalfejn ihebb ghall-ufficcjali jekk huma bdew jippruvaw jikkalmawh. Jekk verament hass li ma kienx gust dak li ghamel Robert Chetcuti mieghu seta' jispjega dan bil-kalma lill-ufficcjali

tal-Pulizija izda minflok ghazel li jibda jghajjarhom, joffendihom u sa anke hebb ghalihom. Il-Qorti tinnota li mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni johrog car li l-Pulizija l-ewwel ippruvaw jikkalmaw lill-imputat u kien biss wara li hebb ghalihom li kellhom jaghmlulu tfixxija u kellhom jimmanettjawh. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cioe` li huwa rreagixxa ghall-forza eccessiva li kienu qed juzaw il-Pulizija izda johrog ampjament car l-oppost u cioe` li l-Pulizija kellhom juzaw forza minima biex jikkontrollaw l-attakk da parti tal-imputat li dak il-hin kien anki xurban.

Ghaldaqstant it-tieni (2) akkuza tirrizulta wkoll ippruvata. Il-Qorti tirrileva illi l-hames (5) akkuza hija kompriza fit-tieni (2) akkuza.

Illi t-tielet imputazzjoni hija ta' natura kontravenzjonali. Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat talli volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

Mix-xhieda li taw l-ufficjali PS 1540 Edmond Fenech u PC 1045 Noel Carabott f'dawn il-proceduri jirrizulta li l-imputat kien fil-fatt qajjem kommossjoni f'post pubbliku u cioe` barra l-ghassa ta' San Giljan u kien ghalhekk li kellhom idahhluh gewwa l-ghassa.

Apparti minhekk kien hemm anki kliem oxxen fejn l-imputat stess fix-xhieda tieghi ammetta li qal kliem mhux xieraq fil-konfront tal-ufficcjali tal-Pulizija u ghalhekk tirrizulta wkoll ir-raba' (4) akkuza.

Illi fl-ahharnett il-Qorti tirrileva illi ghalkemm l-imputat ipproduca lil WPC 251 Sally Anne Felice in difiza giet iktar ikkoroborata l-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u cioe` li l-imputat hebb ghall-ufficcjali tal-Pulizija apparti li heddidhom u qal kliem dispreggativ fil-konfront taghhom.

Illi ghall-kuntrarju ta' dak sottomess fin-nota tal-imputat, fl-opinjoni tal-Qorti ma kien hemm l-ebda kunflitt bejn il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti mid-difiza u

ghalhekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 338(dd), 338(bb), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat Timothy Spiteri hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u peress li l-akkuzi kollha huma assorbiti fit-tieni (2) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------
**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**